MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1232/2008

**Dr Mark Mifsud Cutajar għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Lindsey Kerr**

**-vs-**

**Angela Farrugia u Mary Attard nee Falzon**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fl-10 ta' Diċembru 2008 li permezz tiegħu l-attur nomine ppremetta:

1. Illi r-rikorrenti nomine hija sid tal-fond numru sitta (6), fl-isqaq numru tlieta (3), fi Triq Għeriexem, Rabat u dan permezz ta' separazzjoni tat-2 ta' Awissu 2005 fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Falzon. Illi dan il-fond igawdi minn twieqi li jagħti għal fuq il-proprjeta' tal-intimati

2. Illi bejn l-14 ta' Ottubru 2008 u l-20 ta' Ottubru 2008 l-intimati jew min minnhom imbarraw it-twieqi tal-fond fuq imsemmi li jagħtu għall-fuq il-proprjeta' tagħhom billi mbarraq l-istess twieqi permezz ta' ġebel u għalqu l-istess twieqi u dan kif jirriżulta mir-ritratti annessi u mmarkati Dok LK 01 sa 04 u dan seħħ abbusivament, illegalmentu klandestinament, bi vjolenza u ċaħħdu u qed iċaħħdu lir-rikorrenti nomine mid-dgawdija u l-pussess tal-imsemmija twieqi tal-fond tar-rikorrenti nomine u dan għadu hekk sal-ġurnata tal-lum;

3. Illi l-intimati ġew interpellati verbalment għal diversi drabi kif ukoll permezz ta' ittra uffiċjali, u minkejja dan baqgħu inadempjenti għat-talba tar-rikorrenti sabiex ikun hemm restituzzjoni tal-pussess tal-imsemmija twieqi tal-fond proprjeta' tar-rikorrenti nomine;

4. Illi r-rikorrenti nomine għamlet rapport mal-Pulizija rigward l-akkadut;

5. Illi bl-aġir illegali tagħhom l-intimati jew min minnhom ikkommettew spoll fil-konfront tar-rikorrenta u qed jimmolesta lill-istess rikorrenti nomine fil-pussess u / jew detenzjoni tad-dritt tagħha fil-konfront tat-twieqi tal-fond fuq imsemmi, u dan bi ksur *inter alia* tal-Artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk hemm lok li din l-Onorabbli Qorti tapplika s-sanzjonijiet u komminazzjonijiet previsti mill-Liġi kontra l-konvenuti jew min minnhom;

6. Illi għalhekk kellu jiġi ntavolat dan ir-rikors ġuramentat.

Jgħidu għalhekk l-intimati jew min minnhom, għaliex m'ghandhiex dina l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa w opportuna, għar-raġunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-għemil u l-aġir suddett tal-intimati jew min minnhom ikkostitwixxi spoll li qed isir bi ksur tal-liġi, *inter alia* bi ksur tal-artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna illi r-rikorrent jiġi mqiegħed mill-ġdid fil-pussess / detenzjoni effettiv tad-drittijiet tagħha u tirreintegra lir-rikorrenti fid-dritt tagħha fir-rigward tat-twieqi tal-fond numru sitta (6), fl-isqaq numru tlieta (3), fi Triq Għeriexem, Rabat mingħajr xkiel u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din il-Qorti;

3. Tipprefiġġi terminu qasir u perentorju sabiex l-intimati jew min minnhom ineħħu l-ġebel li bihom imbarraw it-twieqi tal-fond numru sitta (6), fl-isqaq numru tlieta (3), fi Triq Għeriexem, Rabat li qed jostakolaw it-tgawdija tal-istess twieqi ġol-fond imsemmi;

4. Tordna illi fin-nuqqas li l-intimati jew min minnhom jagħmlu dak lilhom ordnat, ir-rikorrent jkun awtorizzat sabiex jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha neċessarji huma stess a spejjeż tal-istess intimati jew min minnhom;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom, inkluż tal-ittra uffiċjali, minnissa nġunti għas-subizzjoni b'riserva ċara għad-drittijiet ulterjuri tar-rikorrenti nomine nkluż id-dritt għall-azzjoni għad-danni sofferti b'konsegwenza tal-akkadut.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur nomine u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Angela Farrugia u Mary Attard nee' Falzon ippreżentata fit-2 ta' Frar 2009, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti Dr. Mark A. Mifsud Cutajar irid jipprova l-mandat tiegħu;

2. Illi l-azzjoni kif esperita ma tistax tirnexxi *stante* illi l-azzjoni lamentata fir-rikors promotur saret ħafna qabel xahrejn minn meta ġiet intavolata l-azzjoni odjerna u mhux kif indikat mir-rikorrenti;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti fl-ebda istanza ma kellha l-pussess rikjest sabiex tirnexxi l-azzjoni kif esperita;

4. Illi ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorrenti ma seta qatt kellha l-pussess rikjest sabiex l-azzjoni tirnexxi *stante* illi ilha nieqsa minn Malta għal ħafna żmien *nonostante* illi hija s-sid.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat in-nota tal-attur nomine li permezz tagħha huwa ċeda l-mertu tal-kawża iżda żamm ferm fuq il-kap tal-ispejjeż;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2011 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja' ingħad din hija kawza ta' spoll wara li l-konvenuti allegatament għalqu twieqi li jagħtu minn fuq il-proprjeta' tal-mandanti tal-attur nomine għal fuq tagħhom. Matul il-kors tal-kawża dawn it-twieqi reġgħu nfetħu u l-atturi ddikjaraw li ma kienux huma li għamlu dan u allura kkonkludew li kienet bilfors l-attriċi li għamlet dan. Għalhekk il-Qorti trid tiddeċiedi biss fuq il-kap tal-ispejjeż.

Illi matul il-kors tal-kawża rriżulta ċar li l-konvenuti kienu fil-fatt għalqu t-twieqi huma, pero' dejjem insistew li dan sar ferm qabel ma ġiet intavolata l-kawża; għalhekk l-azzjoni ta' spoll ma setax tirnexxi; huwa magħruf li waħda mill-kondizzjonijiet biex dan isir huwa li l-kawża tiġi ntavolata *entro* x-xahrejn u dan huwa perjodu ta' dekadenza li jibda għaddej minn meta jsir l-ispoll. (ara **"Michael Mamo vs Philip Grima"** – 7 ta' Frar 1958, Prim' Awla u diversi sentenzi oħra di segwitu bħal **"Kevin Azzopardi vs Lawrence Mifsud"**, ukoll Prim' Awla, 28 ta' April 2004). Jirriżulta mid-depożizzjoni anke ta' Paula

Xuereb, prodotta mill-attur nomine, u li tieħu ħsieb il-proprjeta' in kwistjoni peress li l-attriċi proprja tgħix l-Ingilterra, li bejn l-14 u l-20 ta' Frar 2008 l-azzjoni spoljattiva kienet ġja' ġiet kommessa; il-kawża ġiet intavolata fit-23 ta' Frar 2009 u kwindi ferm wara li għadda t-terminu ta' xahrejn.

Illi stabbilit dan il-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol f'aktar konsiderezzjonijiet.

**Għaldaqstant il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attriċi *stante* ċ-ċessjoni tagħha, tikkundanna lill-attur nomine jħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------